Linji Gwida għal bdiewa taċ-ċitru fl-inħawi ta' San Blas u Daħlet Qorrot f'Għawdex

- L-akkwati ta' San Blas u Daħlet Qorrot ġewwa Għawdex qed jitpoġġew taħt miżuri ta' kontinġenza minħabba l-ammont ta' siġar li ġew ikkonfermati nfettati bil-Virus tat-Tristezza taċ-Ċitru (Citrus Tristeza Virus-CTV). Dan il-virus qerriedi huwa ta' theddida għaċ-ċitru tal-Gżejjer Maltin.
- Il-bdiewa taċ-ċitru ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet huma obligati li jaqtgħu il-frott tagħhom bla weraq sabiex titnaqqas il-firxa ta' nsetti li jistghu iġorru l-mard.
- Bdiewa li jixtiequ li jlaqqmu iċ-ċitru tagħhom huma obligati li jikkuntattjaw lid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti sabiex is-siġar li minnhom se jittieħdu it-tilqim jiġu ittestjati għal din il-marda.
- Il-bdiewa taċ-ċitru ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet huma obligati li jimmonitoraw l-afidi (jew briegħed tas-siġar) u japplikaw il-bexx meta meħtieġ.
- Il-monitoraġġ għandu isir b'dan il-mod:
  - Il-bidwi għandu jeżamina is-siġar kull ġimgħatejn fil-perjodu bejn Marzu u Ottubru sabiex ikun jista jiddetermina meta għandu japplika l-bexx
  - Il-monitoraġġ għandu jsir billi jintgħażlu għaxra fil-mija mis-siġar mill-medda kollha sabiex il-monitoraġġ jilħaq l-arja kollha. Fuq kull siġra minn dawn il-magħżula għanda tiġi eżaminata arja ta' 0.25 metru kwadru (nofs metru b'nofs metru). Il-bidwi għandu jgħodd in-numru ta' rimjiet li hemm f'din l-arja u jara kemm hemm minn dawn attakkati bl-afidi. ***Eż.*** Jekk f'arja ta' nofs metru b'nofs metru insibu għoxrin rimja u minn dawn hemm erba' rimjiet attakkati bl-afidi, dan ifisser li għoxrin fil-mija tar-rimjiet huma attakkati.
  - Jekk in-numru ta' rimjiet attakkati jilħaq l-għoxrin fil-mija fuq dawn is-siġar mgħażula il-bidwi għandu japplika il-bexx fuq is-siġar kollha għax l-afidi ikunu laħqu livell li jgħamlu ħsara.
  - It-trattament tal-bexx għandu jiġi applikat f'forma ta' sprej fi kwantita biżżejjed biex jilħaq il-partijiet kollha tas-siġra.

Plant Health Department, Plant Biotechnology Centre Annibale Preca Street Lija, LJA 1915 Malta.
Tel: (00356) 2339 7200 Fax: (00356) 2141 4493
Web site: www.planthealth.gov.mt

- Il-Kimiċi attivi li jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-afidi għandom ikunu reġistarti għal użu fuq iċ-ċitru f'Malta. Fost dawn insibu Cypermethrine 10% u Imidacloprid.

- Il-bdiewa ta' dawn l-inħawi huma mitluba jiġbru il-kopja tal-ktejjeb tal- applikazzjoni tal-bexx tagħhom mir-Razzett Esperimentali tal-Gvern, Xewkija, Għawdex biex iżommu rendikont tal-bexx li uzaw.
- F'dawn il-kotba ta' record għanda titniżżel id-data tal-applikazzjoni tal-bexx, numru tal-IACS, numru ta' siġar trattati, u ammont ta' bexx applikat.
- Spetturi mill-MGOZ ser ikunu qed jiċċekkjaw li qed jinżamm rekord tal-bexx.

Eżempju ta' kif għandu jimtela il-ktieb tar-rekord tal-bexx:

MINISTERU GHAR-RIZORSI U AFFARIJIET RURALI					**MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS**			
Dipartiment ghas-Sahha tal-Pjanti					*Department of Plant Health*			
Unita tal-Ispezzjonijiet u Sorveljanza					*Surveillance and Inspectorate Unit*			
Lija					*Lija*			
DATE	Location / Field Name	No of Trees (or area in tumoli)	Product Name	Active Ingredient	Ammont of Mixture applied (Lts / pumps)	Method (broadcast showering, injection)	Name of Inspector	Signature
02/04/09	**San Blas/ XXX**	**3 tumolo (150 trees)**	**XXXX**	**Imidacloprid**	**30 Ltrs**	**Spray**		

Date	**Inspector**	**Signature**	**Findings**		**Date**	**Inspector**	**Signature**	**Findings**
28/4/09	XXXX		Low aphid infestation		**28/04/09**	XXXX		Appropriate PPP used

Surveillance and Inspectorate Unit, Plant Biotechnology Centre Annibale Preca Street, Lija LJA1915 Malta EU

Email: **plantquarantine@gov.mt** URL: **www.planthealth.gov.mt** Tel +356 **21430248**, 21416713 fax +356 **21411693**

"*Protecting the Maltese Islands and the European Community from Quarantine pests and diseases*"